

Brussell, 25 ta' Ġunju 2020
(OR. en, de)

9133/20

ENER 217

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8382/2/20 REV 2	
Suġġett:	KONKLUŻJONIJIET dwar ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 fis-settur tal-enerġija tal-UE – it-triq għall-irkupru - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 fis-settur tal-enerġija tal-UE – it-triq għall-irkupru, approvati bi proċedura bil-miktub mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-25 ta' Ġunju 2020.

Id-dikjarazzjoni minn Malta; u dik mill-Ġermanja, il-Belġju, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka jinsabu fl-Anness I għal dan id-dokument.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL
dwar ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 fis-settur tal-enerġija tal-UE
- it-triq għall-irkupru

1. WAQT LI JINNOTA li l-membri tal-Kunsill Ewropew waslu għal fehim fil-vidjokonferenza li saret fit-23 ta' April 2020¹ biex jaħdmu fuq fond ta' rkupru speċifiku ddedikat għall-kriżi tal-COVID-19 u mmirat lejn is-setturi u l-partijiet ġeografiċi tal-Ewropa l-aktar milquta.
2. FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019², rigward l-oġettiv li tinkiseb UE b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.
3. FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tas-sistemi tal-enerġija fl-Unjoni tal-Enerġija biex jiżguraw it-transizzjoni enerġetika u l-kisba tal-oġettivi enerġetiċi u klimatiċi sal-2030 u lil hinn³.
4. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima⁴.

¹ <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2020/04/23/conclusions-by-president-charles-michel-following-the-video-conference-with-members-of-the-european-council-on-23-april-2020/>

² EUCO 29/19

³ 10592/19

⁴ 5033/20

5. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 dwar "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u tħejjija għall-ġenerazzjoni li jmiss"⁵.
6. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"⁶ u dik tal-14 ta' Jannar 2020 dwar "Il-Pjan ta' Investiment Sostenibbli għall-Ewropa u l-Pjan ta' Investiment Ewropew għal Patt Ekoloġiku"⁷.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

7. Fuq kollox, JAPPREZZA l-persunal fis-settur tal-enerġija għall-isforzi ddedikati u effettivi tagħhom biex jiżguraw l-operat kontinwu tas-sistema tal-enerġija Ewropea matul il-pandemija tal-COVID-19.

Stat ta' tħejjija

8. JILQA' r-reżiljenza tas-sistema Ewropea tal-enerġija li evitat kwalunkwe tfixkil fil-provvista u JISSOTTOLINJA li din ir-reżiljenza hija r-riżultat ta' miżuri robusti ta' tħejjija; u JINNOTA l-kontribut tas-suq intern tal-enerġija għal din ir-reżiljenza; madankollu, JINNOTA l-ħtieġa li l-viġilanza ma tiqafx biex tiġi żgurata l-affidabbiltà kontinwa tas-sistemi tal-enerġija f'każ ta' kriżi fit-tul.
9. IFAKKAR fl-importanza tas-sigurtà tal-enerġija għall-funzjonament tas-servizzi essenzjali u għas-soċjetà b'mod ġenerali u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal sforzi kontinwi biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-UE.

⁵ COM(2020) 456 final

⁶ COM(2019) 640 final

⁷ COM(2020) 21 final

10. JENFASIZZA l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi tal-UE biex ittejjeb is-sikurezza nukleari u l-istandards ambjentali fil-pajjiżi terzi ġirien.
11. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa għal mobilità transkonfinali mingħajr interruzzjoni ta' ħaddiema essenzjali tal-enerġija u għal ktajjen ta' provvista affidabbli ta' tagħmir sabiex tinżamm u titħaddem infrastruttura tal-enerġija kritika, jinbnew proġetti tal-enerġija u tiġi ppreservata r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija.
12. JENFASIZZA l-importanza tal-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet filwaqt li jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini kollha. JILQA' f'dan il-kuntest l-isforzi ta' koordinazzjoni reċenti fil-Gruppi ta' Koordinazzjoni tal-Elettriku, tal-Gass u taż-Żejt u fil-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG). JINNOTA l-effikaċja ta' dawn il-korpi ta' koordinazzjoni u JINKORAĠĠIXXI aktar kondiviżjoni tal-prattiki tajba identifikati.

It-triq għall-irkupru

13. JENFASIZZA r-rwol essenzjali li għandhom is-setturi tal-enerġija biex jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku tal-UE. It-trasformazzjoni ekonomika meħtieġa lejn tkabbir sostenibbli u newtralità klimatika, li tibni fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, hija opportunità kbira biex jiġu stimulati l-ekonomiji tal-Istati Membri u biex jitnaqqas gradwalment l-użu tal-karburanti fossili u biex tiġi promossa aktar it-tmexxija Ewropea fl-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sikuri u sostenibbli b' mod kosteffiċjenti filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom u t-teknoloġiji xierqa. JINNOTA li l-ekonomija Ewropea jeħtieġ li ssir aktar ekoloġika, aktar ċirkolari u aktar diġitali filwaqt li tibqa' kompetittiva globalment.
14. JENFASIZZA l-importanza li l-effiċjenza enerġetika tingħata prijorità għat-tisħiħ tal-irkupru ekonomiku.
15. JIRRIKONOXXI l-ħidma li għaddejja fil-livell Ewropew u dak nazzjonali dwar l-irkupru ekonomiku, u l-ħtieġa għal inizjattivi biex jiġi appoġġat pjan ta' rkupru robust, għal sistema tal-enerġija affordabbli, sikura, kompetittiva, sigura u sostenibbli.
16. IQIS li huwa importanti fiċ-ċirkostanzi attwali li jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-għajnuna mill-istat għall-ħarsien ambjentali u l-enerġija sabiex jiġi ffaċilitat l-appoġġ għall-investimenti meħtieġa għat-transizzjoni enerġetika.

17. JINNOTA li s-settur tal-enerġija ser jeħtieġ investiment, partikolarment fl-effiċjenza enerġetika (inkluż ir-rinnovazzjoni tal-bini u tas-sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ), l-enerġija rinnovabbli (inkluż offshore), l-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija, il-ħżin tal-enerġija, l-elettrifikazzjoni, l-interkonnessjonijiet transfruntiera u d-diġitalizzazzjoni kif ukoll għall-ikkompletar ta' proġetti ewlenin tal-infrastruttura tal-enerġija li għandhom l-intenzjoni li jgħinu lill-UE tikseb l-oġettivi tal-politika tal-enerġija u tal-klima tagħha.
18. JENFASIZZA r-rwol ċentrali tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) għall-irkupru ekonomiku u biex jiġu prijoritizzati l-investimenti futuri meħtieġa biex tintlaħaq il-mira dwar in-newtralità klimatika. JINNOTA wkoll il-ħtieġa li jiġu inċentivati u pprovduti aktar kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-investimenti tad-dekarbonizzazzjoni futuri, inkluż permezz tal-funzjonament u t-titjib kontinwu tas-suq tal-karbonju tal-UE filwaqt li jiġi żviluppat Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera b'mod kompatibbli mad-WTO.
19. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq l-inizjattivi ppjanati fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Investiment tagħha, bħall-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija, l-Istrateġija tal-Enerġija Rinnovabbli Offshore, ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea ("TEN-E") u l-Mekkaniżmu ta' Finanzjament għall-Enerġija Rinnovabbli.

20. JIRRIKONOXXI li l-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-irkupru ekonomiku u JAGĦRAF il-potenzjal tar-rinnovazzjonijiet tal-bini għall-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija rinnovabbli lokali. JIDENTIFIKA l-ħtieġa li jiġu kkoordinati l-miżuri nazzjonali u li jiġu skambjati l-aħjar prattiki biex tiġi aċċellerata r-rinnovazzjoni tal-enerġija u l-iżvilupp ta' teknoloġiji, kif ukoll biex jitjieb l-aċċess għall-finanzi lokali u biex tiżdied il-forza tax-xogħol b'ħiliet meħtieġa għal żieda f'daqqa fir-rinnovazzjonijiet. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tadotta approċċ olistiku għall-mewġa ta' rinnovazzjoni billi tistimula r-rinnovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-titjib ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali.
21. JINNOTA l-ħtieġa għal inċentivi adegwati għar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini u JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu appoġġati u attivati ċ-ċittadini u l-komunitajiet lokali u l-enfasi kontinwa fuq transizzjoni affordabbli u ġusta u l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-intrapriżi u r-regġuni kif ukoll li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku billi jiġu protetti l-konsumaturi vulnerabbli.
22. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija li tkun fil-qalba tal-irkupru ekonomiku tal-Ewropa bil-għan li jissaħħu r-rabtiet meħtieġa bejn diversi setturi tas-sistema tal-enerġija tal-UE. Għalhekk din ser isservi bħala direzzjoni sostenibbli u kosteffikaċi għad-dekarbonizzazzjoni, billi tagħti aktar setgħat u appoġġ lill-konsumaturi tal-UE biex jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tal-enerġija, biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom. Għandha tagħti prijorità lill-effiċjenza enerġetika u żżid l-elettrifikazzjoni, fejn huwa teknikament fattibbli u kosteffikaċi. Barra minn hekk, din tista' tappoġġa t-tmexxija tal-UE fl-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozju u teknoloġiji ġodda u trasportaturi tal-enerġija bħall-idroġenu. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni u pjan direzzjonali għall-idroġenu b'enfasi fuq l-idroġenu rinnovabbli biex tikkontribwixxi għat-transizzjoni tal-enerġija.

23. JENFASIZZA li approċċ strateġiku għal Enerġija Rinnovabbli Offshore jista' jstimula investimenti f'dan is-settur, li għandhom potenzjal importanti ta' tkabbir u impjegi sostenibbli u inklużivi. L-Istrateġija dwar l-Enerġija Rinnovabbli Offshore għandha tindirizza opportunitajiet u sfidi, l-iżvilupp ta' grilji u swieq tal-enerġija, il-ġestjoni tal-ispazju u r-riżorsi marittimi, kif ukoll il-politika industrijali, id-dimensjonijiet Ewropej ta' koeżjoni u tal-ekonomija ċirkolari u b'hekk tippovdi l-bażi għal qafas abilitanti tal-UE għal Enerġija Rinnovabbli Offshore.
24. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' teknoloġiji innovattivi għall-irkupru ekonomiku, il-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni.
25. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-preservazzjoni u t-tiġid tal-ktajjen tal-valur fl-UE, inkluż sorsi rinnovabbli.
26. Fid-dawl tar-reviżjoni attwali tal-programm ta' ħidma għall-2020 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex iżżomm l-iskeda ta' żmien ambizzjuż tagħha għall-inizjattivi msemmija hawn fuq.
-

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

B'mod ġenerali, Malta taqbel mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill. Ninsabu impenjati li nagħmlu sforz lejn transizzjoni enerġetika u l-kisba tal-oġġettivi enerġetiċi u klimatiċi sal-2030 u lil hinn. Minkejja dan, nixtiequ wkoll nippreżentaw id-Dikjarazzjoni tagħna dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera li ċċirkolajna diġà qabel il-laqgħa tal-lum. Malta tisħaq fuq il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tal-impatt li għandha tanalizza wkoll l-impatt ekonomiku u soċjali ta' strument futur, b'mod partikolari fuq l-ekonomiji periferali tal-Istati Membri tal-UE, inkluż il-gżejjer, li jiddependu b'mod qawwi mill-importazzjoni. Strument futur għandu jindirizza d-differenzi fl-istruttura ekonomika tal-Istati Membri u jqis l-implikazzjonijiet fuq il-kompetittività għal kull Stat Membru rispettiv, filwaqt li jiġi żgurat li ma jżidx b'mod sproporzjonat l-għoli tal-ħajja taċ-ċittadini abbażi ta' fejn jgħixu. Dan għandu jiżgura soluzzjoni aktar ġusta.

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA, IL-BELĠJU, L-UNGERIJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Dikjarazzjoni konġunta mill-Ġermanja, il-Belġju, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka

L-Istati Membri msemminj hawn fuq jifhmu t-tieni parti tal-aħħar sentenza tal-paragrafu 18 tal-Konklużjonijiet preżenti tal-Kunsill tal-Enerġija skont it-tifsira tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2019. Fil-paragrafu 7 tal-Konklużjonijiet ta' Diċembru ssir referenza għall-ħtieġa li jiġu żviluppati miżuri effettivi li huma kompattibbli mal-liġi tad-WTO, sabiex tiġi pprevenuta rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Fl-istess ħin tittieħed nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tipproponi u tintroduċi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera għal setturi b'intensività ta' emissjonijiet. L-Istati Membri msemminj hawn fuq huma tal-fehma li qabelxejn jeħtieġ li jitwettqu valutazzjoni tal-impatt komprensiva kif ukoll eżami miftuħ tal-għażliet kollha u l-alternattivi possibbli. Fil-fehma tal-Istati Membri msemminj hawn fuq jeħtieġ li l-Istati Membri jiddiskutu dwar il-mekkaniżmi possibbli kollha għall-prevenzjoni ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju biex b'hekk tinsab soluzzjoni għal diversi kwistjonijiet pendent bħall-kompatibilità mad-WTO jew il-fattibilità amministrattiva. Ir-regoli għandhom jiżguraw li, sakemm fid-dinja jkun għad hemm livelli differenti ta' ambizzjoni fir-rigward tal-politika dwar il-klima, jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-ekonomija Ewropea.
